

Paġna ewlenja>Leġiżlazzjoni u każistika>**Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)**

**Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)**

Portugall

#### Koordinatur Nazzjonali tal-ECLI

Indirizz: Rua Duque de Palmela Nru 23, 1250-097 Lisbona – il-Portugall

Telefown: +351 213 220 020

Faks: +351 213 474 09 918

Posta elettronika: [csm@csm.org.pt](mailto:csm@csm.org.pt)

Sit web: <https://www.csm.org.pt/>

#### Kodiċi tal-pajjiż

Il-kodiċi tal-pajjiż għall-Portugall huwa: [PT].

#### Ġenerazzjoni ta' ECLI nazzjonali

L-introduzzjoni mill-Portugall tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) tlestit f'Novembru tal-2018, bħala parti minn proġett ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST). Din kienet inizjattiva konġunta tal-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura (*Conselho Superior da Maġistratura*) u l-Istutut għall-Ġestjoni Finanzjarja u tal-Proprietà tas-Servizzi Ġudizzjarji (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça*).

L-ECLI bħalissa jkɔpri s-sentenzi tal-qrat superjuri:

Il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*)

Il-Qorti tal-Appell ta' Coimbra (*Tribunal da Relação de Coimbra*)

Il-Qorti tal-Appell ta' Évora (*Tribunal da Relação de Évora*)

Il-Qorti tal-Appell ta' Guimarães (*Tribunal da Relação de Guimarães*)

Il-Qorti tal-Appell ta' Lisbona (*Tribunal da Relação de Lisboa*)

Il-Qorti tal-Appell ta' Porto (*Tribunal da Relação do Porto*)

Is-sit web <https://jurisprudencia.csm.org.pt/> jipprovidi accéss għal magna tat-tifxix ġdida għall-ġurisprudenza nazzjonali bl-użu tal-ECLI.

L-ECLI fil-Portugall huwa magħmul mill-komponenti li ġejjin:

“ECLI”;

Il-kodiċi tal-pajjiż: “PT”;

Il-kodiċi tal-qorti: “STJ”, “TRL”, “TRP”, “TRC”, “TRE” jew “TRG” (bħalissa l-ECLI hija disponibbi sabiex jiġu identifikati s-sentenzi tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u tal-qrat tal-appell ta' Lisbona, Porto, Coimbra, Évora u Guimarães);

Is-sena tas-sentenza;

Numru tas-serje, li fil-każjal tal-Portugall, huwa bbażat fuq in-numru tal-kawża (flimkien ma' kultant żewġ karattri ta' identifikazzjoni użati għad-distribuzzjoni tal-kawża fil-qrat superjuri).

Kull komponent jiġi separat b'kolon.

Eżempju ta' ECLI Portuġiż:

L-identifikatur **ECLI:PT:TRC:2017:198.15.3GCACB.C1**, jikkorrispondi għal sentenza mogħtija fil-Portugall (PT), mill-Qorti tal-Appell ta' Coimbra (TRC), fl-2017, fil-Kawża Nru 198/15.3GCACB.

L-aħħar aġġornament: 18/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġibok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.